MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' April, 2007

Rikors Numru. 70/2006

**L-Avukat Dottor Alfred Grech**

**vs**

**L-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat fit-18 ta` Dicembru, 2006, li in forza tieghu r-rikorrent, wara li ppremetta illi:

Permezz ta` tahrika quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali huwa gie akkuzat fost affarijiet ohrajn li saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBE 334 minghajr ma kien kopert b`polza ta` assikurazzjoni kontra r-riskju ta` terzi persuni u talli saq

l-imsemmija vettura bil-licenzja tas-sewqan mhux imgedda ghas-sena korrenti.

Fil-kors tas-smiegh tal-imsemmija akkuza u fis-seduta tal-23 ta` Marzu, 2006, l-avukat difensur tal-esponenti ivverbalizza hekk:

Dr. Joseph Ellis ghad-difisa jirrileva li fir-rigward tat-tielet akkuza, l-artikolu 3(1)(A) tal-Kap. 104. li jpoggi l-oneru ta` prova fuq l-imputat, ghalkemm permess bil-proviso tal-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni, imur kontra l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem kif inkorporata fil-ligijiet ta` Malta bil-Kap. 319. Ghaldaqstant l-imputat qed jitlob illi din l-Onorabbli Qorti tirreferi dan il-punt lil Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex tinvestiga l-inkompatibilita` jew meno tal-artikolu 3(1)(A) tal-Kap. 104 tal-Kapitolu fuq imsemmi.

Bis-sentenza taghha tal-20 ta` Lulju, 2006 l-imsemmija Qorti tal-Magistrati Ghawdex, fil-kompetenza taghha fuq imsemmija iddecidiet fis-sens li l-prova rikjesta mill-artikolu 3(1)(A) tal-Kap. 104 tmur kontra l-konvenzjoni Ewropea u m`ghandhiex tigi meqjusa bhala prezunzjoni ta` htija, u ghalhekk hija in regola kemm mal-Kostituzzjoni ta` Malta kif ukoll mal-Konvenzjoni Ewropea. Konsegwentement dik l-istess cahdet it-talba tad-difiza u ddikjarat li ma hemm ebda inkompatibilita bejn l-artikolu 39(5) tal-Ligijiet ta` Malta u l-artikolu 6(2) tal-Kap. 319 tal-ligijiet ta` Malta u peress li tali talba hija frivola u vessatorja, ma hijiex ser taghmel ebda riferenza lejn il-Prim`Awla tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali.

L-esponenti jhoss li tali talba ma hija xejn frivola u vessatorja, anzi huwa sottomess bir-rispett li mill-motivazzjoni tal-istess sentenza l-imsemmija Qorti bbazat ruhha fuq opinjonijiet legali (Jacobs *“The European Convention on Human Rights” (Clarence Press – Oxford 1975)* li llum gew sorvolati.

L-artikolu 3(1A) tal-Kap. 104 jipprovdi li: *“It shall be presumed that there was not a policy of insurance in force in terms of subarticle (1), unless the person charged with*

*an offence under sub article (1) shall show the contrary through the production of a certificate of insurance issued under article 4(4)".*

L-presunzjoni li johloq l-artikolu fuq imsemmi joffendi gravament u jmur kontra l-principju kardinali tal-presunzjoni tal-innocenza tal-imputat li huwa l-qofol tad-dritt fundamentali sancit bl-artikolu sitta (6) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta, u cioe` d-dritt ta` smiegh xieraq.

L-artikolu 6(2) jesigi li l-gudikant ma ghandhux jisma` l-kaz bi prekoncetti dwar il-htija tal-akkuzat. Li jaghmel l-artikolu 3(1A) tal-Kap. 104 huwa proprju li johloq dak il-prekoncett u jitfa` fuq l-imputat l-oneru tal-prova li suppost taqa` fuq l-Istat ossija il-prosekuzzjoni. Huwa sintomatiku li jinghad, li minflok mal-legislatur tejjeb il-posizzjoni tal-imputat f`dak li huwa presunzjoni tal-innocenza, aktar aggravaha, ghaliex sa qabel ma dahlet fis-sehh l-emenda ghall-imsemmi artikolu 3 tal-Kap. 104, il-prova tal-polqa tal-assikurazzjoni kienet taqa` fuq il-prosekuzzjoni u dan kif del resto kellu jkun, u mhux vice-versa. L-emenda dahlet fis-sehh fl-ewwel (1) ta`Marzu, 2004.

Il-presunzjoni tal-innocenza tal-imputat tesigi wkoll lil-Qorti trid tasal ghall-konkluzzjoni dwar il-htija esklussivament fuq il-provi migjuba u mhux fuq xi presunzjonijiet ta` dritt jew ta` fatt li tista` tohloq l-ligi stess. Ghalhekk, l-oneru tal-prova tal-htija huwa u jibqa` dejjem fuq l-Istat u l-ebda ligi ma ghandha la tnehhi u lanqas tirrestringi dan l-oneru. Minn dan jemergu l-principji l-ohrajn maghrufa tal-*"fair trail"* bhal ma hu n-nuqqas ta` obbligu fl-imputat li jipprovdi xi assistenza permezz ta` provi jew konfessjonijiet sabiex jigi allevat dan l-oneru.

Il-presunzjoni tal-innocenza fl-artikolu 6(2) hija parti essenzjali mid-dritt fundamentali tal-helsien mill-awto inkriminazzjoni li skond il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali, hija rizultat tad-dritt ta` smiegh xieraq taht il-paragrafu wiehed

(1) tal-Artikolu sitta (6) (*"Funke vs France" [1993] 16, EHRR 297).*

Kien hemm okkazzjonijiet fejn dan il-principju gie mxellef, izda dan kien biss fil-kazijiet ta` *"strict liability"* u meta sew ir-reat u kemm il-piena kienu zghar u insinjifikanti. Ghaliex kwalunkwe restrizzjoni taht l-artikolu 6 (1) jew (2) ghandha jkollha legittimita` fir-relazzjoni ragonevoli u proporzjonata bejn il-mezzi addottati u l-ghan li jrid jintlahaq (Murray vs U.K. [1996] 22 EHRR 29, *"Saunders vs U.K."* [1997] 23 EHRR 313). Certament ma tirrizultax din ir-relazzjoni fil-kaz tax-*"shift"* fl-oneru tal-prova li gabet maghha l-emenda tal-2004 ghall-artikolu 3(1) tal-Kap. 104.

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara illi:

1. L-artikolu 3 (1A) tal-Kap. 104 (Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta` Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta` Terzi Persuni) ghandu jigi mhassar u revokat ghaliex imur kontra l-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319, l-att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.

2. Konsegwentement taghti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni taht l-istess Att.

Rat ir-risposta tal-intimat li in forza taghha eccepixxa illi:

In kwantu illi r-rikors promutur qed jallega li Artikolu 3 (1A) tal-Kap. 104 jmur kontra l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea, din il-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess rikors u t-talbiet li hemm fih peress li ghad hemm rimedji ordinarji li s`issa r-rikorrenti jidher li ghadu m`utilizzax;

Preliminarjament u ukoll mhabba r-raguni moghtija fil-paragrafu precedenti, din il-procedura hija ntempestiva u ghandha tigi ddikjarata bhala tali min din l-Onorabbli Qorti;

Bla preguzzju ghall-premess, t-talbiet kontenuti fir-rikors promoter huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Ukoll bla pregudizzju, ghandu jigi rilevat li f`kazijiet bhal dan in ezami, l-Gvern ta` Malta m`ghandu ebda mezz li bih jista` jipprova li fil-fatt saret il-polza tal-assikurazzjoni fuq vettura jekk mhux fuq produzzjoni tad-dokument relattiv da parti tal-akkuzat;

Peress illi dan huwa kuntratt li normalment jsir bejn zewg persuni privati, meta jittiehdu passi kriminali f`dan ir-rigward l-oneru tal-prova li fil-fatt sar il-kuntratt in kwistjoni bilfors irrid ikun fuq l-akkuzat li jrid jipprova li fil-fatt dahal f`kuntratt ta` assikurazzjoni fuq il-vettura partikolari peress li dik il-prova ma tistax tingieb b`ebda mezz iehor ragjonevoli;

Bla pregudizzju u fil-mertu, ghandu jigi rilevat li meta Malta ffirmat il-Konvenzjoni Ewropeja fl-1966 kienu saru diversi riservi;

Kienet saret rizerva partikolari li tikkoncerna dan il-kaz partikolari li bazikament timponi interpretazzjoni proprju fuq il-punt ta` dritt mqajjem mir-rikorrenti;

Din ir-rizerva partikolari hija riprodotta anke permezz tal-Kap. 319 u iktar specifikament it-Tieni Skeda li tghid s-segwenti:

*IT-TIENI SKEDA*
*(Artikolu 3)*
*DIKJARAZZJONI U RISERVI*
*MAGHMULIN MILL-GVERN TA` MALTA META*
*GEW IFFIRMATI L-KONVENZJONI U L-PROTOKOLL*
*(12 TA` DICEMBRU, 1966)*
*1. Dikjarazzjoni ta` interpretazzjoni*
*Il-Gvern ta` Malta jiddikjara li qieghed jinterpreta l-paragrafu 2*
*ta` l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni fis-sens illi ma tipprekludix xi ligi partikolari milli timponi fuq xi persuna akkuzata taht dik il-ligi l-piz tal-prova ta` fatti partikolari.*

*In vista* tas-suespost l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tichad t-talbiet kif kontenuti fir-rikors promutur bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Jirrizulta li r-rikorrent gie mharrek quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali u gie akkuzat, fost affarijiet ohra, li saq vettura minghajr ma kien kopert b`polza ta` assikurazzjoni kontra r-riskju ta` terzi persuni.  L-artikolu 3 (1A) tal-Kap. 104, l-Ordinanza dwar l-Assikurazzjoni ta` vetturi tal-Mutur ghar-riskju ta` Terzi persuni, jipprovdi li:

*"(1A)  Ikun prezunt li ma kienx hemm polza ta` l-assigurazzjoni fis-sehh skond is-subartikolu (1), kemm-il darba min jigi akkuzat b`reat taht is-subartikolu (1) ma jgibx prova kuntrarja bili juri certifikat ta` l-assigurazzjoni mahrug taht l-artikolu 4(4)".*

Ir-rikorrenti jissottometti li dan l-artikolu, li jpoggi l-oneru tal-prova fuqu bhala imputat, ghalkemm permess bil-proviso tal-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni, imur kontra l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem kif inkorporata fil-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta. Ir-rikorrent talab lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tirriferi din il-kwistjoni ghal konsiderazzjoni ta` din il-Qorti, izda dik il-Qorti, b`decizjoni tal-20 ta` Lulju, 2006, cahdet li taghmel ir-riferenza mitluba peress li, fil-fehma taghha, ma hemm ebda inkompatibilita` bejn il-ligi in materja u l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, u qieset it-talba bhala wahda frivola u vessatorja.

Ir-rikorrenti ma jhoss li t-talba tieghu hija frivola u vessatorja, u ressaq dan ir-rikors fejn qed jitlob dikjarazzjoni li l-imsemmi art. 3(1A) tal-Kap. 104, fil-fatt imur kontra l-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319.

Il-Qorti tirrileva, fl-ewwel lok, li skond ma gie deciz mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza “Attard vs Avukat Generali” deciza fis-6 ta` Mejju, 1992, u “Ellul vs Kummissarju tal-Pulizija”, deciza fit-22 ta` Mejju, 1991:

*“(i) jekk u meta l-ewwel qorti tichad ir-referenza ghaliex il-kwistjoni mqanqla tirrizulta semplicement frivola u/jew vessatorja, allura l-parti ma tistax tirrikorri ghall-procedura tar-rikors sabiex, fuq l-istess meritu tal-kwistjoni, effettivament tkun qed tappella minn dik id-decizjoni li l-kwistjoni hija frivola u/jew vessatorja, u (ii) l-ewwel qorti (cioe` dik li ma tkunx il-Prim Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali) hija obbligata li tirrispetta l-gurisdizzjoni esklussiva tal-Prim Awla tal-Qorti Civili f`kull kwistjoni li tirrigwarda l-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni (u l-Artikolu sostantivi tal-Konvenzjoni) b`mod illi, tali kwistjoni sollevata quddiemha ghandha tigi rizoluta mhux minn dik l-ewwel qorti imma mill-organi li ghandhom dik il-gurisdizzjoni, hlief, s`intendi, meta dik l-ewwel qorti tqis li l-kwistjoni sollevata hija semplicement frivola jew vessatorja. Din it-tieni (ii) proposizzjoni tikkwalifika l-ewwel wahda (i), in kwantu jekk ikun jirrizulta li dik l-ewwel qorti tkun fir-realta` flok illimitat ruhha ghal pronunzjament li l-kwistjoni hi semplicement frivola jew semplicement vessatorja (jew it-tnejn), ezercitat gurisdizzjoni li tispetta lill-Prim Awla u lill-Qorti Kostituzzjonali, allura certament ma jkunx hemm id-divjet li fuq l-istess meritu tal-kwistjoni l-parti tipprocedi b`rikors”.*

Fid-dawl ta` dan, l-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, fil-kawza “Grech vs Avukat Generali”, deciza fis-16 ta` Mejju, 2006, osservat li jekk, allura l-ewwel Qorti, ftit jew wisq, tidhol fil-meritu tal-kwistjoni sollevata, ghalkemm apparentement tkun qed tillimita ruhha ghal pronunzjament li t-talba tad-difiza – proprjament it-tqanqil minnha tal-kwistjoni – kienet *“semplicement frivola”*, hija

fir-realta` kienet qed tarroga lilha nnifisha gurisdizzjoni li ma kellhiex.

F`dan il-kaz ukoll, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) ma illimitatx ruhha biex tiddeciedi biss fuq it-talba tad-difiza, izda ezaminat guridikament il-kompatibilita` tal-artikolu tal-ligi invokat mar-regoli tal-Konvenzjoni Ewropea; ghalhekk, f`dawn ic-cirkustanzi partikolari, ma kien hemm xejn x`josta li dik l-istess kwistjoni titressaq b`rikors quddiem din il-Qorti, kif effettivament sar.

Dwar il-meritu tal-lanjanza tar-rikorrenti, din il-Qorti tosserva li punt simili ghal dak sollevat gie trattat u deciz mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza “Repubblika vs Malyneaux”, deciza fl-1 ta` April, 2005. Dik l-Onorabbli Qorti studjat funditus il-kwistjoni, u waslet ghal konkluzzjoni li:

*“there is no doubt that, apart from Malta`s declaration referred to above, Article 6(2) of the Convention does not in principle prohibit presumptions of fact or of law and “reverse onus provisions”*.

Din il-konkluzzjoni dik l-Onorabbli Qorti waslet ghaliha wara li, fi kliema:

*“This court has had the benefit not only of extensive arguments by learned counsel on both sides, but also the benefit of reading several judgements of the European Court of Human Rights and of the Court of Appeal of England and Wales and of the House of Lords to which learned counsel also referred”*.

Fil-fatt, fis-sentenza, hemm riferenza kapjuza ghad-duttrina u l-gurisprudenza fuq il-punt in materja, u dina l-Qorti ma tarax li hemm lok tirrepeti l-istudju li ghamlet dik l-Onorabbli Qorti, u tista` biss issir referenza ghal dik id-decizjoni. Jista` jizdied biss li din l-Qorti taqbel mal-principju kif enuncjat f`dik is-sentenza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali.

Issa hu veru li f`dik il-kawza, l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali kienet iddikjarat li l-artikolu tal-ligi attakkat f`dawk il-proceduri (l-artikolu 26(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101) jilledi d-dritt ghas-smiegh tal-akkuzata fil-proceduri kriminali relattivi, pero`, dan ghamlitu wara ezami tal-fattispeci partikolari tal-kaz, u wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

*"Whili this Court fully appreciates the reasons behind subsection (2) of Section 26, the absolute way in which this provision is drafted not only effectively and substantially deprives and accused person of the possibility of any reasonable defense to a charge of possession of, and trafficking in, a dangerous drug but, more importantly, <u>deprives the court of the power to assess the evidence and to tailor the punishment according to the moral blameworthiness of the accused.</u> In fact, if an accused, indicted before the Criminal Court, proves to the satisfaction of that Court that he genuinely believed that he was importing, for instance, a pornographic film in cassette form, but the cassette turns out (unbeknown to him) to be packed with heroin, he nontheless faces a term to imprisonment ranging from a minimum of four years to a maximum of life imprisonment (and, if a determinate sentence of imprisonment is imposed – which may be of up to thirty years – there is <u>the addition</u> of a fine ranging from a minimum of one thousand liri to a maximum of fifty thousand liti). The punishment under the Customs Ordinance (Cap. 37) for the importation of such a pornographic cassette is a fine not exceeding twenty-five liri or such fine together with imprisonment not exceeding two years; and the punishment for such importation under Section 208 of the Criminal Code is of imprisonment for a term not exceeding six months or a fine not exceeding two hundred liri or both such fine and imprisonment. The expressions "it shall not be a defense to such charge" and "or of any other law" in subsection (2) of Section 26 have the cumulative effect that, in the example given, the accused has to be treated by the court as if he "knowingly" imported into Malta the amount of drug found in the cassette, <u>irrespective of what the accused actually believed to be in the cassette</u>. This*

*clearly places the accused at a great, indeed disproportionate, disadvantage vis-à-vis the prosecution, a disadvantage that he has absolutely no chance of redressing whatever the evidence he adduces with regard to the formal element of the offence. Such an imbalance strikes against the very foundations of the fairness of any criminal trial. The situation would, of course, be different if the accused knew, or reasonably suspected, that he was carrying some form of prohibited drug, even though not necessarily the drug or type of drug actually found in his possession – the presumption of knowledge in this case, even if irrebuttable, would be perfectly reasonable (this, indeed, appears to be the position in England under Section 28(3)(a)(b) of the Misuse of Drugs Act, 1971)".*

F`dan il-kaz, m`hemmx l-estremi puntwalizzati mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza imsemmija. Ir-rikorrent ma giex mcahhad mill-possibilita` *"of any reasonable defence"*, ghax kull ma il-ligi tipprovdi, hu li, fin-nuqqas ta` prova kuntrarja mill-imputat, ikun <u>prezunt</u> li ma kienx hemm polza ta` assigurazzjoni. Din il-prezunzjoni, pero`, mhix wahda assoluta, u f`kull kaz, ma cahhadx lill-imputat milli jressaq gustifikazzjoni plawsibili ghal tali nuqqas. Il-Qorti xorta wahda ghandha d-dmir li tevalwa l-provi kollha prodotti qabel ma tiddeciedi jekk jinkonkorux l-elementi kollha tal-fatt tar-reat, u jekk dawn ikunu jirrizultaw hija tista` wkoll tikkunsidra cirkustanzi li jistghu iwasslu ghall-mitigazzjoni tal-piena sakemm dan hu possibbli jew koncess mill-istess ligi. Ma hemm xejn <u>fl-artikolu impunjat</u> li jtellef minn xi dritt li jgawdi imputat taht il-Konvenzjoni Ewropea. Huwa xorta wahda munit bil-presunzjoni tal-innocenza, u l-fatt li, ghall-element partikolari tar-reat, huwa, jrid jgib il-prova kuntrarja, ma jfissirx li hu sejjer ikun imcahhad milli jinghata smiegh xieraq.

Din il-Qorti ma tarax li, fic-cirkustanzi, dak il-provediment tal-ligi huwa irragonevoli. Il-htiega ta` assikurazzjoni ghar-riskju ta` terzi persuni hija rizultat ta` fatt li sewwieq ta` vettura tal-mutur ghandu f`idejh oggett li varji drabi hu deskritt bhala *"arma"* b`possibilita` ta` periklu ghall-utenti l-ohra tat-triq; kwindi, tali assikurazzjoni hija mehtiega fl-

interess pubbliku.  F`socjeta` bazata fuq il-kompetizzjoni (fejn m`hemmx monopolju fl-ghoti tas-servizzi), din l-assikurazzjoni tista` tingieb minn diversi kompetituri li joffru dan is-servizz, u l-eziztenza ta` tali negozju irid jigi muri minn min ikun parti fih, u mhux minn terzi li ma jistghux ikunu tenuti jippruvaw in-negattiv.  Meta r-reat jikkonsisti f`fatt negattiv, hija kwazi impossibbli tingieb prova li teskludi, sa minghajr dubju ragonevoli, l-eziztenza ta` dak il-fatt, u jekk il-prova kuntrarja li dak il-fatt sar mhux xi pis kbir jew insormontabbli ghall-akkuzat, li l-akkuzat ikollu dan l-oneru ma jnaqqas xejn mid-dritt ta` smiegh xieraq.  F`dan il-kaz, kull ma jrid jaghmel l-akkuzat hu li jesebixxi kopja tal-kuntratt ta` assikurazzjoni fuq il-vettura partikolari, jew jipproduci bhala xhud rapprezentant tal-kumpanija assikurattiva li maghha hu ghazel li jassikura l-vettura kontra riskji ghat-terzi.  Ir-rikorrent ghandu, ghalhekk, mezzi legali biex jwaqqa` l-presunzjoni li taghti l-ligi, u ma hux imqieghed f`xi zvantagg sporporzjonat vis-à-vis il-prosekuzzjoni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza, billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra tieghu.

IMHALLEF

DEP/REG

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------